

Brussell, 7 ta' April 2016
(OR. en)

7687/16

FISC 46

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' April 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 148 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT Lejn żona unika tal-VAT fl-UE - Iż-żmien biex niddeċiedu

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 148 final .

Mehmuż: COM(2016) 148 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.4.2016
COM(2016) 148 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT

Lejn żona unika tal-VAT fl-UE - Iż-żmien biex niddeċiedu

Werrej

1	Introduzzjoni: Il-każ favur żona tal-VAT unika fl-UE	3
2	Inizjattivi ta' politika riċenti u li għaddejjin bħalissa	4
2.1	Tneħħija tal-ostakoli tal-VAT għall-kummerċ elettroniku fis-suq uniku.....	5
2.2	Lejn Pakkett tal-VAT għall-SMEs	6
3	Miżuri urġenti biex tiġi indirizzata d-diskrepanza tal-VAT.....	6
3.1	Titjib fil-kooperazzjoni fl-UE u ma' pajjiżi mhux tal-UE	6
3.2	Lejn amministrazzjonijiet tat-taxxa aktar effiċjenti.....	7
3.3	Titjib fil-konformità volontarja	8
3.4	Ġbir tat-taxxa	8
3.5	Deroga temporanja għall-Istati Membri biex jindirizzaw il-frodi nazzjonali u strutturali	8
4	Miżura fuq terminu medju biex tiġi indirizzata d-diskrepanza tal-VAT: lejn żona tal-VAT unika u robusta Ewropea.....	9
5	Lejn politika ta' rati modernizzata.....	11
5.1	Alternattiva 1: Estensjoni u rieżami regolari tal-lista ta' merkanzija u servizzi eliġibbli għal rati mnaqqsa	13
5.2	Alternattiva 2: Abolizzjoni tal-lista	13
6	Konklużjoni.....	14
7	L-iskeda taż-żmien	14

1 INTRODUZZJONI: IL-KAŻ FAVUR ŻONA TAL-VAT UNIKA FL-UE

Dan il-pjan ta' azzjoni jistabbilixxi t-triq għall-ħolqien ta' żona tal-VAT unika fl-UE¹. Żona tal-VAT li tista' tappoġġa suq uniku aktar profond u aktar ġust, u tgħin biex l-impjiegi, it-
tkabbir, l-investment u l-kompetittività jingħataw spinta. Żona tal-VAT li hija adattata għall-iskop tagħha fis-seklu 21.

Is-sistema komuni tal-VAT hija element prinċipali tas-suq uniku tal-Ewropa. Din iffaċilitat il-kummerċ fis-suq uniku billi neħħiet l-ostakoli li jfixxlu l-kompetizzjoni u jipprevjenu l-moviment liberu tal-merkanzija. Hija sors ewlieni u li qed jikber ta' dħul fl-UE, li laħaq kważi EUR 1 triljun fl-2014, li jikkorrispondi għal 7 % tal-PDG tal-UE². Wieħed mir-riżorsi proprji tal-UE huwa wkoll ibbażat fuq il-VAT. Bħala taxxa fuq il-konsum ġenerali, hija waħda mill-iżjed forum ta' tassazzjoni favur it-
tkabbir.

Iżda ma kienx possibbli għas-sistema tal-VAT li żżomm il-pass mal-isfidi tal-ekonomija globali, diġitali u mobbli tal-lum. Is-sistema tal-VAT attwali, li kienet maħsuba biex tkun sistema tranżizzjonali, hija frammentata, kumplessa għan-numru dejjem jikber ta' negozji li joperaw b'mod transfruntier u tħalli lok għall-frodi: tranżazzjonijiet domestiċi u transfruntiera huma trattati b'mod differenti u l-merkanzija jew is-servizzi jistgħu jinxtrow mingħajr VAT fis-suq uniku.

Issa s-sistema teħtieġ riforma urġenti:

- Jeħtieġ li tkun iżjed sempliċi biex jużawha n-negozji. L-ispejjeż ta' konformità huma ogħla b'mod sinifikanti għall-kummerċ fis-suq uniku milli fil-kummerċ domestiku³, filwaqt li l-komplessità qed ixxejkel in-negozju, b'mod speċjali n-negozji żgħira u ta' daqs medju (SMEs)⁴;
- Is-sistema għandha tiġġielel ir-riskju dejjem jikber ta' frodi. Id-"diskrepanza tal-VAT" bejn id-dħul mistenni u d-dħul attwalment miġbur hija stmata għal EUR 170 biljun⁵, filwaqt li l-frodi transfruntiera biss jammontaw għal EUR 50 biljun tad-dħul mitluf kull sena⁶;
- Jeħtieġ li tkun iżjed effiċjenti, b'mod partikolari fl-isfruttament tal-opportunitajiet tat-teknoloġija diġitali u fit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-ġbir tad-dħul;
- Għandha tkun ibbażata fuq fiduċja akbar: fiduċja bejn in-negozji u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa, u bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-UE.

Fil-qosor, il-VAT jeħtieġ li tiġi mmodernizzata u mfassla mill-ġdid. L-ilħuq ta' dan l-għan mhux se jkun faċli. Is-sistema attwali wriet li hija diffiċli biex tiġi rrimformata u r-rekwiżit tal-

¹ Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

² 17,5 % tad-dħul mit-taxxa nazzjonali, inklużi l-kontribuzzjonijiet soċjali (Eurostat).

³ Ernst & Young, *Implementing the 'destination principle' to intra-EU B2B supplies of goods – Feasibility and economic evaluation study*, 2015.

⁴ L-ispejjeż ta' konformità għan-negozju huma stmata bejn 2 u 8 % tal-ġbir tal-VAT (Istitut għall-Istudji Fiskali, *A retrospective evaluation of elements of the EU VAT system*, 2011).

⁵ Id-differenza bejn id-dħul mistenni mill-VAT u l-VAT effettivament miġbura mill-awtoritajiet nazzjonali. Id-diskrepanza tal-VAT tipprovi stima tad-dħul mitluf minħabba frodi u evażjoni, evitar tat-taxxa, fallimenti, insolvenzi finanzjarji u kalkoli żbaljati (CASE, *Study to quantify and analyse the VAT Gap in the EU Member States*, 2015).

⁶ Ernst & Young, 2015.

unanimità bejn l-Istati Membri kollha biex ibiddlu xi ħaġa jippreżenta sfida serja. Madankollu, qed naraw dejjem iżjed li ż-żamma tal-istatus quo mhijiex alternattiva. Billi sempliċiment inżidu livelli ġodda ta' obbligi u kontrolli sabiex tiġi indirizzata l-frodi, inkunu qed inżidu anke iżjed spejjeż ta' konformità u inċertezza legali għan-negozji kollha, inkluż dawk fdati, u b'hekk infixxlu iżjed il-funzjonament tas-suq uniku. X'aktarx li lanqas is-simplifikazzjoni selettiva mhi se taħdem.

Issa tinħtieġ azzjoni. Wasal iż-żmien li tinholq żona tal-VAT unika u ġenwina fl-UE għas-suq uniku.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni issa qed tippjana li tippreżenta proposta leġiżlattiva biex iddaħħal fis-seħħ is-sistema definittiva tal-VAT⁷. Din is-sistema definittiva se tissegjes fuq il-qbil tal-leġiżlaturi tal-UE li s-sistema tal-VAT trid tkun ibbażata fuq il-prinċipju tat-tassazzjoni fil-pajjiż tad-destinazzjoni tal-merkanzija. Dan ifisser li r-regoli tat-tassazzjoni li skonthom il-fornitur tal-merkanzija jiġbor il-VAT mingħand il-klijent tiegħu, se jkunu estiżi għat-tranżazzjonijiet transfruntiera. Din il-bidla waħedha għandha tgħin biex tnaqqas il-frodi tal-VAT transfruntiera b'EUR 40 biljun fis-sena⁸.

Billi t-tnejn u l-adozzjoni ta' tali bidla ewlenija fil-mod kif taħdem il-VAT se tieħu ftit taż-żmien, il-Kummissjoni b'mod parallel se tmexxi numru ta' inizjattivi oħra relatati biex tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati mis-sistema tal-VAT. Xi wħud minn dawn l-inizjattivi diġà tħabbru, u se jiġu kkompletati ma' miżuri oħra biex jgħinu fl-indirizzar immedjat tal-kwistjoni ta' frodi.

Is-sistema attwali qed tissielet ukoll biex tindirizza mudelli kummerċjali innovattivi u l-progress teknoloġiku fl-ambjent diġitali tal-lum. Ir-rati tal-VAT differenti bejn il-merkanzija u s-servizzi fiżiċi u diġitali ma jirriflettux bis-sħiħ ir-realtajiet tal-lum. Barra minn hekk, l-Istati Membri jħossuhom ristretti bla bżonn fil-politika tagħhom tal-iffissar tar-rati. Il-bidla fundamentali f'dawn l-aħħar ftit snin lejn il-prinċipju tad-destinazzjoni teħtieġ riflessjoni usa' dwar il-konsegwenzi li għandhom jirriżultaw għas-sistema tal-VAT u r-regoli tal-UE li jirregolaw ir-rati tal-VAT.

Fuq kollox, dan il-pjan ta' azzjoni jistabbilixxi l-passi progressivi meħtieġa lejn żona tal-VAT unika fl-UE. Jistabbilixxi azzjonijiet immedjati u urġenti biex jindirizza d-diskrepanza tal-VAT u jadatta s-sistema tal-VAT għall-ekonomija diġitali u l-ħtiġijiet tal-SMEs. U jipprovdi orjentazzjonijiet ċari u iżjed fit-tul dwar is-sistema definittiva tal-VAT u r-rati tal-VAT. Issa hemm bżonn ta' deċizzjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet kollha. Fuq kollox, hija meħtieġa tmexxija politika, biex jingħelbu l-ostakoli b'għeruq fondi li mblokkaw il-progress fil-passat u li finalment jiġu adottati r-riformi meħtieġa biex jiġu miġġielda l-frodi, jitneħħew l-ostakoli amministrattivi u jitnaqqsu l-ispejjeż regolatorji biex tiġi ssimplifikata l-ħajja għan-negozji tal-Ewropa.

2 INIZJATTIVI TA' POLITIKA RIĊENTI U LI GĦADDEJJIN BĦALISSA

Il-Kummissjoni għamlet pressjoni b'mod konsistenti għar-riforma fis-sistema tal-VAT. Reċentement, wara dibattitu pubbliku wiesa' u produttiv imniedi mill-Green Paper dwar il-futur tal-VAT f'Diċembru 2010⁹, il-Kummissjoni ppreżentat il-konklużjonijiet tagħha

⁷ Bħala parti mill-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

⁸ Ernst & Young, 2015.

⁹ COM(2010) 695, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SEC(2010) 1455, 1.12.2010.

f'Komunikazzjoni dwar il-futur tal-VAT f'Diċembru 2011¹⁰ u stabbilixxiet l-azzjonijiet ta' prijorità għas-snin li ġejjin.

F'din l-okkazzjoni, wara ħafna snin ta' tentattivi mingħajr suċċess, il-Kummissjoni abbandunat l-għan tal-implimentazzjoni ta' arranġamenti definittivi tal-VAT ibbażati fuq il-prinċipju tal-intaxxar tal-provvisti ta' merkanzija transfruntiera kollha fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, taħt l-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-kummerċ domestiku inklużi r-rati tal-VAT. Il-Parlament Ewropew¹¹ u l-Kunsill¹² qablu li s-sistema definitiva għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tat-tassazzjoni fl-Istat Membru tad-destinazzjoni tal-merkanzija.

L-inizjattivi li mbagħad inkisbu inkludew:

- il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT massiva u għal għarrieda¹³;
- l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda dwar il-post tal-provvista, f'konformità mal-prinċipji ġenerali, fil-post tad-destinazzjoni, għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, ix-xandir u s-servizzi elettroniċi pprovduti lill-konsumaturi finali permezz ta' Punt Uniku ta' Servizz (One Stop Shop) biex tiġi ffaċilitata l-konformità fiskali¹⁴;
- sistema ta' governanza ġdida u iżjed trasparenti għas-sistema tal-VAT tal-UE, li fiha l-partijiet ikkonċernati kollha kienu iżjed involuti mill-qrib¹⁵.

Wara dan, inbdew inizjattivi oħrajn biex jitneħħew l-ostakoli tal-VAT għall-iżvilupp diġitali u tal-SMEs fis-suq uniku u biex jiġu rieżaminati r-regoli tal-VAT fis-settur pubbliku¹⁶.

2.1 Tneħħija tal-ostakoli tal-VAT għall-kummerċ elettroniku fis-suq uniku

Is-sistema attwali tal-VAT għall-kummerċ elettroniku transfruntier hija kumplessa u għalja kemm għall-Istati Membri kif ukoll għan-negozji. Il-medja tal-ispejjeż annwali għall-provvista tal-merkanzija lil pajjiż ieħor tal-UE hija stmata bħala EUR 8 000¹⁷. Barra minn hekk, in-negozji tal-UE jinsabu fi żvantaġġ kompetittiv, minħabba li l-fornituri barra mill-UE jistgħu jfornu merkanzija mingħajr VAT lill-konsumaturi fl-UE taħt l-eżenzjoni għall-importazzjonijiet ta' kunsinni żgħar (fl-2015 ġew importati kważi 150 miljun kunsinna mingħajr VAT)¹⁸. Il-kumplessità tas-sistema tagħmilha wkoll diffiċli għall-Istati Membri biex jiżguraw il-konformità, bit-telf stmat għal madwar EUR 3 biljun fis-sena¹⁹.

¹⁰ COM(2011) 851, 6.12.2011.

¹¹ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&language=MT&reference=P7-TA-2011-0436>

¹² http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ecofin/130257.pdf

¹³ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ecofin/138239.pdf

¹⁴ http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/vat/how_vat_works/telecom/index_en.htm#new_rules

¹⁵ Il-Grupp ta' Esperti dwar il-VAT u l-Forum tal-UE dwar il-VAT ġew stabbiliti, u ġew ippubblikati noti ta' spjega u linji gwida tal-Kumitat tal-VAT.

¹⁶ Skont ir-regoli speċjali li jmorru lura għas-sebgħinijiet, ċerti attivitajiet tal-korpi tas-settur pubbliku jew meqjusin li huma fl-interess pubbliku, mhumiex suġġetti għall-VAT. Minn dak iż-żmien, dawn ġew dejjem iżjed deregolati jew infetħu għas-settur privat, b'żieda fit-tħassib dwar l-effett distorsiv possibbli ta' dawn ir-regoli fuq il-kompetizzjoni u l-kumplessità tagħhom. Il-Kummissjoni investigat ir-rimedji possibbli.

¹⁷ Ċifri preliminari mill-istudju tal-Kummissjoni li għaddej bħalissa dwar l-ostakoli tal-VAT għall-kummerċ elettroniku transfruntier.

¹⁸ *Idem*.

¹⁹ *Idem*.

Kif tħabbar f'Mejju 2015 fl-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali,²⁰ il-Kummissjoni se tippreżenta proposta leġislattiva sal-aħħar tal-2016 biex timmodernizza u tissimplifika l-VAT għall-kummerċ elettroniku transfruntier, b'mod partikolari għall-SMEs. Dan se jinkludi:

- l-estensjoni tal-mekkaniżmu tal-punt uniku ta' servizz għall-bejgħ online tal-pajjiżi tal-UE u ta' dawk mhux tal-UE ta' merkanzija tanġibbli lill-konsumaturi finali;
- l-introduzzjoni ta' miżura komuni ta' simplifikazzjoni madwar l-UE (eż. livell limitu tal-VAT²¹) biex tgħin lin-negozji żgħar u ġodda tal-kummerċ elettroniku;
- permess għall-kontrolli fil-pajjiż ta' oriġini, inkluż verifika unika ta' negozji transfruntiera;
- it-tneħħija tal-eżenzjoni mill-VAT għall-importazzjonijiet ta' kunsinni żgħar mingħand fornituri barra mill-UE.

2.2 Lejn Pakkett tal-VAT għall-SMEs

B'mod iżjed ġenerali, l-SMEs iġorru spejjeż ta' konformità tal-VAT proporzjonalment ogħla minn negozji kbar minħabba l-kumplessità u l-frammentazzjoni tas-sistema tal-VAT tal-UE²². Flimkien mal-Istrateġija l-ġdida tas-Suq Uniku,²³ il-Kummissjoni qiegħda għalhekk tħejji pakkett ta' simplifikazzjoni komprensiv għall-SMEs li se jfittex li joħloq ambjent li jwassal għat-tkabbir tagħhom u jkun favur il-kummerċ transfruntier. B'mod partikolari, l-iskema speċjali għall-intrapriżi żgħar se tkun soġġetta għal rieżami. Dan il-pakkett se jiġi ppreżentat fl-2017.

Il-Kummissjoni se titgħallem lezzjonijiet ukoll mill-irtirar tal-proposta għal dikjarazzjoni tal-VAT standard²⁴ li tibqa' qasam importanti għas-simplifikazzjoni, u tkompli tirrifletti dwar kif jistgħu jittaffew l-ispejjeż ta' konformità għall-SMEs f'dan ir-rigward.

3 MIŻURI URĠENTI BIEX TIĠI INDIRIZZATA D-DISKREPANZA TAL-VAT

Il-livelli attwali tad-diskrepanza tal-VAT jeżiġu azzjoni urġenti fuq tliet aspetti: kisba ta' kooperazzjoni amministrattiva aħjar, titjib fil-konformità volontarja u titjib kollettiv fil-prestazzjoni tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa Ewropej. Barra minn hekk, it-tkabbir qawwi fil-kummerċ elettroniku jeħtieġ approċċ ġdid għall-ġbir tat-taxxa.

3.1 Titjib fil-kooperazzjoni fl-UE u ma' pajjiżi mhux tal-UE

Kif rikonoxxut mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri,²⁵ l-għodod tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa mhumex qed jiġu sfruttati biżżejjed. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-Eurofisc²⁶ ma kinitx ambizzjuża biżżejjed. Għalhekk jeħtieġ li nimxu mill-mudelli eżistenti ta' kooperazzjoni bbażati fuq l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri għal mudelli ġodda ta' kondivizzjoni u analiżi konġunta ta'

²⁰ COM(2015) 192, 6.5.2015.

²¹ Li skonthom ma tkun meħtieġa l-ebda reġistrazzjoni fi Stati Membri oħrajn jew għall-punt uniku ta' servizz fil-każ ta' provvisti transfruntiera.

²² Istitut għall-Istudji Fiskali, ara hawn fuq.

²³ COM(2015) 550, 28.10.2015.

²⁴ COM(2013) 721, 23.10.2013.

²⁵ Rapport Speċjali Nru 24/2015: Nindirizzaw il-frodi tal-VAT intra-Komunitarja: Iżjed azzjoni meħtieġa, 3 ta' Marzu 2016.

²⁶ Eurofisc huwa netwerk ta' impjegati taċ-ċivil nazzjonali stabbilit għall-iskambju rapidu ta' informazzjoni mmirata dwar il-frodi tal-VAT.

informazzjoni u ta' azzjoni flimkien. L-Istati Membri għandhom jibbenefikaw minn kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-UE, biex ikunu jistgħu b'mod rapidu u iżjed effettiv jidentifikaw u jżarmaw networks frawdolenti.

Dan jinvolvi li nħarsu lejn modi kif insaħħu r-rwol u l-impatt tal-Eurofisc bil-ħsieb li nagħmlu qabża kwalitattiva 'l quddiem lejn struttura iżjed avvanzata. Bl-appoġġ tal-Kummissjoni, uffiċjali kompetenti li jaħdmu fil-Eurofisc għandu jkollhom aċċess dirett għal informazzjoni rilevanti miżmuma fi Stati Membri differenti, biex ikunu jistgħu jiskambjaw, jaqsmu u janalizzaw informazzjoni ewlenija u jniedu verifiki konġunti. Proposta leġiżlattiva biex timplimenta dan it-titjib se tiġi ppreżentata fl-2017.

Hemm ukoll il-ħtieġa li tissaħħaħ l-għajnuna reċiproka għall-irkupru tad-djun fiskali.

Il-ġlieda kontra n-networks tal-kriminalità organizzata u l-frodi tal-VAT fuq l-importazzjonijiet teħtieġ ukoll it-tneħħija tal-ostakoli għal kooperazzjoni effettiva bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u tad-dwana, u mal-korpi tal-infurzar tal-liġi u mal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-livell nazzjonali u tal-UE. F'dan il-kuntest, l-adozzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE²⁷ biex ikopru l-frodi tal-VAT madwar l-UE u l-proposta biex jinħoloq Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew²⁸ jista' jkollhom rwol sinifikanti.

Finalment, kooperazzjoni aħjar mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-pajjiżi barra mill-UE dwar il-VAT għandha tagħmilha possibbli li tiġi estiża s-sistema tal-UE ta' kooperazzjoni amministrattiva għal pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari biex tiġi żgurata tassazzjoni effettiva tal-kummerċ elettroniku.

3.2 Lejn amministrazzjonijiet tat-taxxa aktar effiċjenti

Hija r-responsabbiltà tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri li jinfurzw il-leġiżlazzjoni fiskali. Il-ġbir tal-VAT u l-ġlieda kontra l-frodi f'ambjent ekonomiku globali jeħtieġu amministrazzjonijiet tat-taxxa b'saħħithom li huma mgħammra tajjeb biex jgħinu 'l xulxin. Ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew jistiednu lill-Istati Membri jtejbu l-konformità tat-taxxa u l-kapaċità tal-amministrazzjoni tat-taxxa tagħhom. Għalhekk għandu jsir aktar biex jiġu skambjati u implimentati l-aħjar Prattiki f'dan il-qasam.

L-immodernizzar tal-ġbir tal-VAT jista' jkollu wkoll benefiċċji sinifikanti. Il-governanza elettronika u l-kontijiet tat-taxxa diġitali jissemplifikaw il-proċeduri għall-awtoritajiet tat-taxxa u jnaqqsu l-piż għan-negozji, kemm fi ħdan l-Istati Membri kif ukoll fil-livell transfruntier. Barra minn hekk, dawn l-inizjattivi jgħinu biex tissaħħaħ il-fiduċja u tkun miġġielda l-frodi.

Wasal iż-żmien li tiġi żviluppata aġenda komuni għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa sabiex tinbena l-fiduċja u tissaħħaħ il-kapaċità tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa biex jiġġieldu l-frodi u jaddattaw għall-iżviluppi ekonomiċi filwaqt li jaħdmu flimkien. Il-Kummissjoni:

- se tippovdi għal diskussjoni strateġika bejn il-kapijiet tat-28 amministrazzjoni tat-taxxa, u mad-dwana, sabiex tinbena tali aġenda;

²⁷ COM(2012) 363, 11.07.2012, Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali.

²⁸ COM(2013) 534, 17.07.2013, Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

- se tiffaċilita l-ftehimiet dwar l-istandards ta' kwalità minimi għall-funzjonijiet ewlenin tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-evalwazzjoni;
- se tipprovdi pjattaformi għall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-esperjenza u għajjuna teknika biex tappoġġa r-riformi²⁹.

3.3 Titjib fil-konformità volontarja

Huwa importanti wkoll li titjieb il-konformità volontarja u l-kooperazzjoni bejn in-negozji u l-awtoritajiet tat-taxxa. Il-Kummissjoni se tiffaċilita dan il-proċess billi tmexxi jew tisponsorja proġetti konkreti bħall-mekkaniżmi effettivi ta' prevenzjoni u ta' soluzzjoni tat-tilwim skont il-Forum tal-UE dwar il-VAT u se tiffaċilita ftehimiet bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u s-setturi kummerċjali.

3.4 Għir tat-taxxa

Il-kummerċ elettroniku, l-ekonomija kollaborattiva u forom ġodda oħra ta' negozju huma kemm ta' sfida kif ukoll opportunità f'termini ta' għir tat-taxxa. Dan huwa reali kemm fil-livell domestiku kif ukoll fil-livell transfruntier. L-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien u bl-appoġġ tal-Kummissjoni, biex jiddefinixxu u jiskambjaw l-aħjar prattiki fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi. Approċċi ġodda għall-għir tat-taxxa jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn: għodod ta' rappurtar ġodda, għodod ta' verifika ġodda, definizzjoni ta' rwoli ġodda għal ċerti intermedjarji tas-suq.

3.5 Deroga temporanja għall-Istati Membri biex jindirizzaw il-frodi nazzjonali u strutturali

Il-frodi tal-VAT ma jaffettwax indaq lill-pajjiżi kollha tal-UE; tabilħaqq, id-diskrepanza tal-VAT tvarja bejn inqas minn 5 % għal iżjed minn 40 %. Xi Stati Membri li huma affettwati aktar talbu biex jitħallew jimplimentaw sistema tar-reverse charge ġeneralizzata temporanja li tkun tidderoga mill-prinċipji ġenerali tad-Direttiva tal-VAT³⁰. Dawn it-talbiet għandhom l-għan li jindirizzaw frodi tal-VAT endemika, billi jitqiesu l-ispeċifikitajiet tal-Istati Membri inkwistjoni.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet prattiċi u fuq medda qasira ta' żmien biex tiġi indirizzata l-frodi tal-VAT. Għalkemm dawn it-talbiet imorru lil hinn mill-possibbiltajiet tad-Direttiva tal-VAT attwali³¹ u jirrikjedu għalhekk bidla fil-leġiżlazzjoni, il-Kummissjoni tqishom b'haġna serjeta u se tivvaluta bir-reqqa l-implikazzjonijiet politiċi, legali u ekonomiċi tagħhom qabel tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha. Dawn id-derogi ma għandhomx ifixklu b'mod sproporzjonat il-funzjonament xieraq tas-suq uniku u jkun jeħtieġu l-unanimità fil-Kunsill. Din il-valutazzjoni tkun tinvolvi analiżi dettaljata sabiex jiġi żgurat fehim profond u preċiż tas-sitwazzjoni u l-implikazzjonijiet possibbli tad-derogi temporanji. L-impatt possibbli fuq in-negozju u fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa b'mod partikolari f'termini ta' spejjeż tal-aġġustament kif ukoll taċ-ċaqliq tal-frodi lejn il-pajjiżi ġirien u lejn il-livell tal-konsumatur, se jkun element kritiku li għandu jitqies.

Fi kwalunkwe każ, jeżistu miżuri amministrattivi kredibbli u taw prova tal-effikaċja tagħhom biex jikkontrollaw il-frodi f'haġna Stati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni tinsab lesta wkoll

²⁹ Is-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali (SRSS) tal-Kummissjoni jista' jkollu rwol.

³⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

³¹ L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

biex tgħin lill-Istati Membri kkonċernati jtejbju l-għbir tat-taxxa tagħhom u l-kapaċità tal-ispezzjoni. Programmi ta' riforma komprensivi bbażati fuq analiżi profonda tad-diskrepanza tal-VAT u tal-iskemi ta' frodi f'dawn l-Istati Membri u li jibnu fuq l-aħjar prattika jistgħu jiġu implimentati malajr. Dan jista' jinvolvi l-appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni u l-kompetenza esperta tal-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa b'rekord tajjeb f'dan il-qasam. Barra minn hekk, jistgħu jkunu previsti l-parteeipazzjoni tal-Eurofisc fl-analiżi tar-riskju u t-tneġġja ta' verifiki kongoṡti, abbażi tal-parteeipazzjoni volontarja tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali.

Il-valutazzjoni ta' dawn id-derogi għandha ssir mingħajr preġudizzju għall-proposti għall-implimentazzjoni tas-sistema definittiva tal-VAT li għandha tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar is-sitwazzjoni attwali ta' din il-kwistjoni sa Ġunju ta' din is-sena.

4 MIŻURA FUQ TERMINU MEDJU BIEX TIĠI INDIRIZZATA D-DISKREPANZA TAL-VAT: LEJN ŻONA TAL-VAT UNIKA U ROBUSTA EWROPEA

Is-sistema preżenti, li ilha fis-seħħ sa mill-1993 u li kellha tkun tranżizzjonali, tiffred kull tranżazzjoni transfruntiera fi provvista transfruntiera eżenti u akkwizzizzjoni transfruntiera taxxabbli. Din hija bħas-sistema tad-dwana, iżda nieqsa mill-kontrolli ekwivalenti u għalhekk hija l-għerq tal-frodi transfruntiera.

Din il-frodi sseħħ meta l-fornitur jagħmel tabirruħu li ttrasporta l-merkanzija lejn Stat Membru ieħor iżda l-merkanzija tkun fil-fatt ikkonsmata lokalment bla VAT jew speċjalment meta klijent ta' tranżazzjoni transfruntiera jixtri merkanzija jew servizzi bla VAT u jitlob il-VAT lill-klijent tiegħu mingħajr ma jgħaddiha lill-awtoritajiet tat-taxxa filwaqt li l-klijent tiegħu jista' jnaqqasha³².

Issa wasal iż-żmien li jiġi adottat approċċ unifikat biex jiġi indirizzat dan it-tip ta' frodi li jkun kompatibbli bis-siħ mar-rekwiżiti tas-suq uniku. Anke l-azzjonijiet amministrattivi ambizzjużi stabbiliti hawn fuq biex jindirizzaw id-diskrepanza tal-VAT, filwaqt li utli, ma jkunux biżżejjed waħedhom biex iwaqqfu l-frodi transfruntiera.

Żona tal-VAT unika u robusta Ewropea tittratta t-tranżazzjonijiet transfruntiera bl-istess mod bħat-tranżazzjonijiet domestiċi, biex tintemm id-dgħufija endemika tas-sistema, u tintegra l-ġestjoni u l-infurzar tal-VAT permezz ta' kooperazzjoni eqreb bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni daħlet fi djalogu trasparenti mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati³³ oħra bil-għan li teżamina fid-dettall l-alternattivi possibbli għall-implimentazzjoni tal-"prinċipju tad-destinazzjoni" f'kummerċ transfruntier³⁴ B2B³⁵ inkluż l-implimentazzjoni ta' sistema ġeneralizzata ta' reverse charge.

Skont is-sistema ta' reverse charge ġeneralizzata, il-VAT tiġi "sospiża" tul il-katina ekonomika kollha u tinġabar biss mingħand il-konsumaturi. Dan ifisser li l-għbir totali tal-VAT jiċċaqlaq għall-istadju tal-bejgħ bl-immut. Din is-sistema mhijiex ikkaratterizzata mill-

³² "Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes" u "frodi karusell"

³³ Rappreżentanti tan-negozju u tal-prattikanti tat-taxxa u akkadeġiċi mill-Grupp ta' Esperti dwar il-VAT.

³⁴ SWD(2014) 338, 29.10.2014 dwar l-implimentazzjoni tar-reġim definittiv tal-VAT għall-kummerċ transfruntier.

³⁵ Minn negozju għal negozju.

awtoregolamentazzjoni bħas-sistema attwali tal-VAT (jiġifieri skont il-prinċipju ta' pagament frazzjonat), li tiżgura li għadd żgħir ta' persuni taxxabbli affidabbli u ta' daqs relattivament importanti jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-VAT.

Barra minn hekk, jistgħu jinħolqu tipi oħra ta' frodi, eż. frodisti li jiddikjaraw li huma persuni taxxabbli biex jiksibu merkanzija maħsuba għall-konsum finali bla VAT. Għaldaqstant, hemm riskju għoli intrinsiku li l-frodi u l-konsum privat mhux intaxxat jiżdiedu, partikolarment fid-dawl tar-rati għolja tal-VAT fil-pajjiżi tal-UE (sa 27 %).

Għaldaqstant, il-konklużjoni tal-Kummissjoni minn dan ix-xogħol hija li l-aħjar alternattiva għall-UE kollha kemm hi tkun li jiġu intaxxati l-provvisti ta' merkanzija B2B fl-UE bl-istess mod bħall-provvisti domestiċi, biex b'hekk jissewwa d-difett kbir tal-arranġamenti tranżizzjonali filwaqt li l-karatteristiċi sottostanti tas-sistema tal-VAT jinżammu intatti.

Din is-sistema ta' tassazzjoni tal-provvisti transfruntiera se tiżgura t-trattament konsistenti tal-provvisti domestiċi u transfruntiera tul il-katina kollha tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni, u tistabbilixxi mill-ġdid il-karatteristiċi bażiċi tal-VAT fil-kummerċ transfruntier, jiġifieri s-sistema tal-pagamenti frazzjonati kkaratterizzata mill-awtoregolamentazzjoni.

Għalhekk, din il-bidla għandha tnaqqas il-frodi transfruntiera b'madwar EUR 40 biljun (80 %) fis-sena fl-UE³⁶. Il-konsum intermedju u finali tal-merkanzija se jkompli jiġi intaxxat fil-post fejn il-merkanzija tiġi ttrasportata, li huwa sostitut affidabbli għall-post tal-konsum. Dan il-kriterju oġġettiv jagħmilha diffiċli għal persuni taxxabbli biex jidħlu f'ippjanar tat-taxxa jew iwettqu frodi. Dan jippermetti lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa jikkonċentraw ir-riżorsi fuq sfidi oħra.

Se jittieħdu xi miżuri sinifikanti ta' simplifikazzjoni biex jakkumpanjaw din il-bidla. Pereżempju, il-punt uniku ta' servizz li diġà jeżisti għat-telekomunikazzjoni, ix-xandir u s-servizzi elettroniċi u li dalwaqt jiġi estiż għat-tranżazzjonijiet kollha tal-kummerċ elettroniku³⁷, sejjer jiġi implimentat b'mod anke usa' u mfassal mill-ġdid, sabiex jisfrutta bis-sħiħ l-opportunitajiet ippreżentati mit-teknoloġija diġitali li jissimplifikaw, jistandardizzaw u jimmodernizzaw il-proċessi. In-negozji se jkollhom jirreġistraw għall-finijiet tal-VAT fl-Istati Membri fejn kienu stabbiliti biss. B'mod kollettiv, in-negozji għandhom jiffrankaw medja ta' madwar EUR 1 biljun³⁸.

Din is-sistema tkun tirrikejdi aktar fiduċja u kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa billi l-Istat Membru fejn tasal il-merkanzija jkollu jiddependi fuq l-Istat Membru tat-tluq biex jiġbor il-VAT dovuta fuq il-provvista transfruntiera. Għaldaqstant, l-effiċjenza fil-ġbir tal-VAT u fil-ġlieda kontra l-frodi mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa trid tiġi żgurata sal-ogħla livell possibbli. Tali sistema tkun tinvolvi wkoll bidla sinifikanti għan-negozji. Kwalunkwe implimentazzjoni għandha għalhekk tkun gradwali biex tiżgura tranżizzjoni mingħajr problemi għan-negozju u tippermetti lill-Istati Membri kollha jilhqqu livelli ogħla ta' kooperazzjoni u kapaċità amministrattiva. Is-sistema trid tkun ukoll faċli għall-utent u mibnija fuq l-aħħar teknoloġiji diġitali disponibbli.

³⁶ Fi Franza, pereżempju, il-frodi jitnaqqsu b'madwar EUR 10 biljun. Ċifri oħra jinkludu: L-Italja: EUR 7 biljun, Ir-Renju Unit: EUR 4 biljun, Ir-Rumanija: madwar 17 % tad-dħul attwali mill-VAT, Il-Greċja: 12 %, Ernst & Young (2015).

³⁷ Ara l-proposta leġislattiva li ġejja msemmija hawn fuq.

³⁸ Ernst & Young, ara fuq.

Bħala l-ewwel pass leġiżlattiv, se jiġi stabbilit mill-ġdid il-prinċipju tat-tassazzjoni tal-provvisti transfruntiera u jiġi estiż il-punt uniku ta' servizz biex ikopri l-provvisti tal-merkanzija B2B transfruntiera. Madankollu, in-negozji li huma konformi, iċċertifikati mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa tagħhom, inkluż l-SMEs, jibqgħu jkunu responsabbli għall-VAT fuq il-merkanzija mixtrija minn pajjiżi oħra tal-UE. Billi n-negozji li huma konformi jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tal-persuni taxxabbli involuti fi tranżazzjonijiet transfruntiera, dan inaqqas b'mod sinifikanti l-ammonti ta' VAT li jgħaddu mill-punt uniku ta' servizz u jagħmilha iżjed faċli għan-negozji biex jadattaw.

Bħala t-tieni pass leġiżlattiv, it-tassazzjoni tkun tkopri l-provvisti transfruntiera kollha sabiex il-provvisti kollha tal-merkanzija u s-servizzi fis-suq uniku, kemm domestiċi kif ukoll dawk transfruntiera, jiġu trattati bl-istess mod. Għal dan il-għan, tkun meħtieġa qabża kwalitattiva sinifikanti fil-kooperazzjoni u fl-għodod tal-infurzar konġunt biex tiġi żgurata fiduċja reċiproka bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Żieda fil-kooperazzjoni permezz tal-Eurofisc u titjib fil-kapaċitajiet tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa se jkunu l-ewwel stadju biex jintlaħaq dan il-għan. Huwa biss meta l-Istati Membri jqisu li tkun inkisbet din il-qabża kwalitattiva li s-sistema definittiva tkun tista' tiġi implimentata bis-sħiħ.

5 LEJN POLITIKA TA' RATI MODERNIZZATA

Id-Direttiva tal-VAT tistabbilixxi regoli ġenerali li jfasslu l-libertà tal-Istati Membri biex jiffissaw ir-rati tal-VAT. Dawn ir-regoli kienu maħsubin biex jiggwarantixxu, fuq kollox, in-newtralità, is-sempliċità u l-prattiċità tas-sistema tal-VAT. Il-leġiżlatur għażel li japplika – bħala r-regola awtomatika – rata standard tal-VAT għall-provvisti taxxabbli kollha ta' merkanzija u servizzi u li jistabbilixxi rata minima ta' 15 %. Il-leġiżlatur ippermetta żewġ rati mnaqqsa, stabbiliti bħala 5 % jew iżjed, li kienu limitati għal ċerti merkanzija u servizzi elenkati fid-Direttiva tal-VAT³⁹. Barra minn hekk, għadd ta' rati mnaqqsa, inkluż rati iżjed baxxi minn 5 % huma permessi f'ċerti Stati Membri skont id-"derogi ta' sospensjoni"⁴⁰.

Iżda r-regoli attwali ma jqisux bis-sħiħ l-iżviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi. Dan huwa pereżempju l-każ tal-kotba elettroniċi u l-gazzetti elettroniċi, li ma jistgħux jibbenefikaw minn rati mnaqqsa disponibbli għal pubblikazzjonijiet fiżiċi. Din il-kwistjoni se tiġi indirizzata fil-kuntest tal-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali.

Barra minn hekk, dawn ir-regoli kienu ddisinjati madwar żewġ deċennji ilu bil-għan li jaslu għal sistema definittiva tal-VAT ibbażata fuq il-prinċipju tal-orijini. Minn dak iż-żmien, il-VAT żviluppat dejjem iżjed f'sistema bbażata fuq il-prinċipju tad-destinazzjoni. Ir-regoli dwar ir-rati, madankollu, qatt ma ġew aġġustati biex jirriflettaw din il-loġika, li tippermetti għal aktar diversità fir-rati tal-VAT. Id-differenzi fir-rati tal-VAT jistgħu xorta waħda jaffettwaw il-funzjonament tas-suq uniku f'sistema fejn il-konsumaturi jaqsmu l-fruntiera biex jixtru l-merkanzija u s-servizzi. Iżda apparti minn dawn il-każijiet, f'kuntrast għal dak li jseħħ taħt sistema tal-orijini, il-fornituri ma jieħdu l-ebda benefiċċju sinifikanti billi jkunu stabbiliti fi Stat Membru b'rati iżjed baxxi, u għaldaqstant id-differenzi fir-rati tal-VAT għandhom inqas potenzjal biex ifixklu l-funzjonament tas-suq uniku.

Ir-regoli tad-Direttiva dwar il-VAT għandhom l-għan li jippreservaw il-funzjonament tas-suq uniku u jevitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni tfakkar li l-UE tista' taġixxi biss jekk u sa fejn ċerti għanijiet ma jistgħux

³⁹ FI-Anness III tad-Direttiva tal-VAT

⁴⁰ L-Artikoli 109-122 tad-Direttiva tal-VAT.

jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Ir-regoli attwali jagħmluha iżjed bil-mod u diffiċli għalihom biex jestendu t-trattament tar-rati mnaqqsa għal oqsma ġodda, hekk kif id-deċiżjonijiet kollha għandhom jittieħdu b'mod unanimu. B'riżultat ta' dan, id-Direttiva tal-VAT qed issir obsoleta, pereżempju fir-rigward ta' prodotti suġġetti għall-progress teknoloġiku.

Agħar minn hekk, meta jitqies id-dewmien twil għall-adozzjoni tat-tibdil fil-leġislazzjoni tal-UE, l-Istati Membri jsibu ruħhom fi ksur tar-regoli. Sal-lum, il-Kummissjoni kellha tibda iżjed minn 40 proċedura ta' ksur kontra iżjed minn żewġ terzi tal-Istati Membri. Permezz ta' riforma li tagħtihom iżjed libertà l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet li jixtiequ dwar il-politika tat-tassazzjoni b'mod iżjed rapidu, filwaqt li l-UE teħles minn litigazzjoni bla bżonn.

Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Istati Membri jitħallew liberament jiffissaw ir-rati tagħhom ma jeskludix l-ispejjeż u l-iżvantaġġi, anke jekk il-funzjonament tas-suq uniku mhux se jisfa mhedded. Dan jista' jiġġenera tnaqqir tad-dħul mill-VAT, hekk kif setturi individwali jitolbu trattament iżjed favorevoli. Fuq medda ta' żmien, dan jista' jċekken il-bażi tat-taxxa, u jmur kontra r-rakkomandazzjonijiet tal-politika ekonomika tal-UE. Tabilħaqq, id-diskrepanza bejn ir-rati mnaqqsa u r-rati standard kellha t-tendenza li titwessa' fis-snin riċenti, bi tnaqqis fl-effiċjenza tal-VAT u b'żieda fid-distorsjonijiet. Barra minn hekk, deċentralizzazzjoni akbar tista' tirriżulta f'żieda fil-kumplessità, toħloq spejjeż addizzjonali għan-negozji u tiġġenera inċertezza legali. F'sistema bbażata fuq il-prinċipju tad-destinazzjoni, li fiha n-negozji f'kull Stat Membru jridu jitolbu l-VAT skont ir-rati applikabbli fi Stati Membri oħra, huwa aktar importanti li kull sett ta' regoli nazzjonali jkunu sempliċi u jiddependu sa fejn hu possibbli fuq kategoriji tal-prodotti armonizzati.

L-evalwazzjoni ta' sistema iżjed deċentralizzata finalment tiddependi fuq il-preferenzi politiċi. Għalhekk l-implimentazzjoni ta' tali sistema ma tistax tiġi deċiża bħala materja purament teknika, imma teħtieġ diskussjoni politika. Jeżistu diversi subalternattivi possibbli fuq livell tekniku, imma l-ewwel għandu jintlaħaq kunsens dwar id-direzzjoni wiesgħa tar-riforma. Żewġ alternattivi prinċipali qed jiġu deskritti hawn taħt. Dawn mhumieks kontradittorji. Jirrappreżentaw gradi differenti tal-flessibbiltà li tista' tingħata lill-Istati Membri.

5.1 Alternattiva 1: Estensjoni u rieżami regolari tal-lista ta' merkanzija u servizzi eliġibbli għal rati mnaqqsa

Tinżamm ir-rata minima standard tal-VAT ta' 15 %. Il-lista tal-merkanzija u s-servizzi li jistgħu jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tiġi rieżaminata fil-kuntest tat-tranżizzjoni għas-sistema definittiva u mbaġħad f'intervalli regolari, b'mod partikolari billi jitqiesu l-prijoritajiet politiċi. L-Istati Membri jkunu jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni l-fehmiet tagħhom dwar il-ħtiġijiet ta' aġġustament.

Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Istati Membri, tanalizza jekk dan it-tibdil jippreżentax xi riskju għall-funzjonament tas-suq uniku jew ifixkilx il-kompetizzjoni, u tirrapporta s-sejbiet tagħha qabel kwalunkwe tibdil.

Skont din l-alternattiva, jinżammu r-rati mnaqqsa kollha attwalment eżistenti, inklużi d-derogi, applikati b'mod legali fl-Istati Membri u jistgħu jiġu inklużi fil-lista ta' rati mnaqqsa fakultattivi disponibbli għall-Istati Membri kollha, filwaqt li jiġi żgurat trattament ugwali.

5.2 Alternattiva 2: Abolizzjoni tal-lista

L-approċċ l-iżjed ambizzjuż f'termini tal-għoti lill-Istati Membri tas-setgħa tal-iffissar tar-rati jkun li titħassar il-lista u li jingħataw aktar libertà fir-rigward tal-għadd ta' rati mnaqqsa u l-livell tagħhom.

Filwaqt li l-Istati Membri jibqgħu kostretti mil-leġislazzjoni tal-UE, bħar-regoli tas-suq uniku jew tal-kompetizzjoni, u mill-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, din l-alternattiva tkun tirrikjedi li jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji biex tiġi evitata l-kompetizzjoni fiskali inġusta fis-suq uniku, filwaqt li tiggarantixxi wkoll iċ-ċertezza legali u tnaqqas l-ispejjeż ta' konformità. Il-libertà li jiġu ffissati rati tal-VAT għandha għalhekk tkun akkumpanjata minn numru ta' regoli bażiċi li jgħallqu qafas għall-każijiet li fihom jistgħu jiġu applikati r-rati mnaqqsa.

B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jintalbu jinformaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra dwar kwalunkwe miżura ġdida u biex jivvalutaw kwalunkwe impatt li jista' jkollha fuq is-suq uniku. Biex tiġi evitata l-kompetizzjoni fiskali inġusta fix-xiri transfruntier, soluzzjoni waħda possibbli tista' tkun li tiġi evitata l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa għall-merkanzija u s-servizzi ta' valur għoli, b'mod partikolari oġġetti li jistgħu jiġu ttrasportati faċilment. Biex jiġu żgurati l-konsistenza u s-sempliċità globali tas-sistema tar-rati, l-għadd totali ta' rati mnaqqsa permessi mill-Istati Membri jista' jkun limitat. Dawn l-elementi jillimitaw il-possibbiltà li jiġu mmirati ristrettivament is-setturi għal ħelsien inġust mit-taxxa.

Ta' min jinnota wkoll li skont din l-alternattiva, jinżammu r-rati mnaqqsa kollha attwalment eżistenti, inklużi d-derogi, applikati b'mod legali fl-Istati Membri, bil-possibbiltà li jiġu applikati tkun disponibbli għall-Istati Membri kollha. Ir-rata minima standard tal-VAT titneħħa.

6 KONKLUŻJONI

Il-pjan ta' azzjoni fassal it-triq għall-ġejjieni biex tinkiseb żona tal-VAT unika fl-UE. L-inizjattivi li jirriżultaw minn din il-Komunikazzjoni se jiġu żviluppati skont il-linji gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Ahjar⁴¹.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-appoġġ tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex jipprovdu kemm jista' jkun malajr gwida politika ċara, li tikkonferma r-rieda tagħhom li jappoġġjaw l-azzjonijiet stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni.

Sabiex tiżgura tmexxija kontinwa tat-tiġdid tas-sistema tal-VAT tal-UE mibdi fl-2011, il-Kummissjoni se tkompli tirrapporta b'mod regolari dwar il-qagħda ta' dan ir-rieżami u tistabbilixxi azzjonijiet ġodda.

7 L-ISKEDA TAŻ-ŻMIEN

Adattament tas-sistema tal-VAT għall-ekonomija diġitali u għall-ħtiġijiet tal-SMEs

2016	Proposta għat-tneħħija tal-ostakoli tal-VAT għall-kummerċ elettroniku transfruntier (Suq Uniku Diġitali - REFIT) - pubblikazzjonijiet elettroniċi
-------------	---

⁴¹ SWD(2015) 111, 19.5.2015.

2017	Pakkett tal-VAT għall-SMEs
-------------	----------------------------

Lejn żona tal-VAT unika u robusta Ewropea

2016	Miżuri biex itejbu l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll mal-korpi tad-dwana u tal-infurzar tal-liġi u biex isaħħu l-kapaċità tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa
2016	Rapport ta' evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-għajjuna reċiproka għall-irkuprar tad-djun fiskali
2017	Proposta għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT u l-Eurofisc
2017	Proposta għas-sistema definittiva tal-VAT għal kummerċ transfruntier (żona tal-VAT unika Ewropea – l-ewwel pass - REFIT)

Lejn politika tar-rati mmodernizzata

2017	Riforma tar-rati tal-VAT (REFIT)
-------------	----------------------------------